# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

It-III Ħadd tal-Għid

Sena A

## Introduzzjoni

F'dan it-Tielet Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex nimtlew b'tama sħiħa għal jum il-qawmien tagħna mill-imwiet.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 2, 14.22-33)

L-appostli taw xhieda sħiħa tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 15 (16) 1-2a.5.7-8.9-10.11)

Mulej, int tgħallimni t-triq tal-ħajja

*jew*

Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Piet 1, 17-21)

Aħna lkoll ġejna mifdija bid-demm għażiż ta' Kristu.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 24, 13-35)

Il-ġrajja tad-dixxipli t'Għemmaws turina li meta qalbna tkun magħluqa, ikun diffiċli li nagħrfu lil Alla preżenti fostna.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

## Offertorju

Kull darba li noffru l-ħidmiet tagħna fl-Ewkaristija, Alla jġedded l-għotja tiegħU għalina.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Li nagħrfu lil Kristu jfisser li nħalluh jidħol fina u jibdel il-qalb tagħna. It-tqarbin joffrilna din l-opportunita hekk għażiża.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.